MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1442/2005

**Associated Supplies Limited (C-2891)**

**Vs**

**Philip Gatt (I.D. nru 160073M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' seba' mija u tmienja w erbghin lira Maltin (Lm748) rapprezentanti flejjes ricevuti minnu minn klijenti tas-socjeta' attrici ghal servizzi rezi lill-istess klijenti f'isem is-socjeta' attrici, liema flejjes gew approprjati minnu b'mod abbuziv u illegali, minghajr il-kunsens tas-socjeta' attrici.

Ra li l-konvenut Philip Gatt, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-10 t'Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja w erbghin lira Maltin (Lm748) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------